DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 79/2010

tal-11 ta' Ġunju 2010

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi lil hinn mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 159/2009 tal-4 ta' Diċembru 2009 [1].

(2) B'kunsiderazzjoni għall-inkorporazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar l-Ajru Uniku Ewropew fil-Ftehim, u għar-rwol ewlieni tal-proġett SESAR fl-iżvilupp ġejjieni tal-miżuri ta' implimentazzjoni fi ħdan dak il-qasam, u bil-għan tal-parteċipazzjoni mill-Istati tal-EFTA fil-finanzjament pubbliku tal-proġett permezz tas-7 programm Qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp, huwa xieraq li tiġi inkoraġġita kooperazzjoni adattata bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim fi kwistjonijiet li huma koperti mill-attivitajiet tal-Impriża Konġunta SESAR u inkluż ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' impriża konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) [2], sabiex il-partijiet interessati mill-Istati tal-EFTA jiġu inkoraġġiti jipparteċipaw fil-proġett SESAR.

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-koperazzjoni estiża sseħħ,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiddaħħal fl-ewwel nota tal-qiegħ ta' paragrafu 8b ta' Artikolu 1 (Riċerka u żvilupp tekniku) tal-Protokoll 31 għall-Ftehim:

", kif emendat permezz ta':

— **32008 R 1361**: ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 (ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih issir l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*), jew fil-jum li fih tidħol fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 78/2010 tal-11 ta' Ġunju 2010 [3], skont liema data tkun l-iżjed tard.

[1] ĠU L 62, 11.3.2010, p. 65.
[2] ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.
(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.
[3] Ara paġna 37 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER